MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2010

Numru. 438/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Chris Pullicino]**

**vs**

**Kevin Mulvaney**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Kevin Mulvaney detentur tal-karta tal-identita` numru 563376(M).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fix-xhur ta' Frar u Marzu 2010, flimkien ma' persuna/i ohra, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulha b'rezoluzzjoni wahda u cioe`:
1. Talli nhar id-19 ta' Frar 2010, ghall-habta tad-09:30hrs, gewwa l-Marsa, ikkommetta serq ta' divresi oggetti fosthom lahmijiet minn vettura ta' ghamla Isuzu numru ta' registrazzjoni DBA236 liema serq huwa

kkwalifikat bil-valur li hu aktar minn mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u bin-natura tal-haga misruqa, u li sar ghad-detriment ta' Martin Mizzi u/jew persuna/i ohra.

2. U aktar talli nhar id-19 ta' Frar 2010, ghall-habta tal-10:45hrs, gewwa San Giljan, ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom affarijiet tal-ikel minn vettura ta' ghamla Isuzu numru ta' registrazzjoni TFJ116 liema serq huwa kkwalifikat bin-natura tal-haga misruqa, u li sar ghad-detriment ta' Gareth Zammit u/jew persuna/i ohra.

3. U aktar talli nhar id-9 ta' Marzu 2010, ghall-habta ta' 12:10 hrs, gewwa San Giljan, ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom affarijiet tal-ikel minn vettura ta' ghamla Isuzu numru ta' registrazzjoni DBL282 liema serq huwa kwalifikat bin-natura tal-haga misruqa, u li sar ghad-detriment ta' Cristiano Bianchini u/jew persuna/i ohra;

4. U aktar talli nhar il-11 ta' Frar 2010, ghall-habta ta' bejn 08:30hrs u 14:00 hrs, gewwa San Giljan, ikkommetta serq ta' zewg cilindri tal-gass mill-istabbiliment 'Fuego Salsa Bar' liema serq sar ghad-detriment ta' Christopher Edward u/jew persuna/i ohra; u

5. U aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanzi rrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikolu 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti pprezentati inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali u l-ezami tal-imputat fejn ammetta l-akkuzi kif dedotti kontrih.

Rat ix-xhieda ta' rapprezentant tal-Caritas Emmanuel Scicluna li ddikjara bil-gurament illi l-imputat qed isegwi programm tal-Caritas b'success.

Illi ghal dawn il-motivi, u wara li rat l-Artikoli 267, 271, 49 u 50 tal-Kap. 9 u bl-applikazzjoni tal-Art. 7 tal-Kap. 446 qed tpoggih taht probation order ghal zmien sentejn fejn

ghandu jitqabbad ufficjal tal-Probation sabiex jissupervizjona l-andament tal-impuat. Dan l-ufficjal tal-probation ghandu jirraporta lil din il-Qorti f'perijodi ta' tlett xhur.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta u tordna li kopja tal-Probation Order annessa mal-odjerna sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------